*98/30/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġi evalwat jekk klawżola kuntrattwali standardizzata, li permezz tagħha impriża ta' provvista tirriżerva d-dritt li tbiddel l-ispejjeż tal-provvista ta' gass, tweġibx jew le għar-rekwiżiti ta' bona fide, ta' ekwilibriju u ta' trasparenza meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom b'mod partikolari importanza essenzjali:*

— *il-kwistjoni jekk il-kuntratt jesponix b'mod trasparenti r-raġuni u l-metodu ta' varjazzjoni ta' dawn l-ispejjeż, b'mod li l-konsumatur ikun jista' jipprevedi, abbażi ta' kriterji ċari u li jinftehmu, il-bidliet eventwali ta' dawn l-ispejjeż. L-assenza ta' informazzjoni fuq dan is-suġġett qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ma tistax, bħala prinċipju, tiġi kkumpensata mill-fatt biss li l-konsumaturi, matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, jiġu infurmati bil-bidla fl-ispejjeż bi preavviż raġonevoli u tad-dritt tagħhom li jirrexxindu l-kuntratt jekk huma ma jixtiqux jaċċettaw din il-bidla u*

— *il-kwistjoni jekk il-possibbiltà ta' rexissjoni mogħtija lill-konsumatur tistax, fil-kundizzjonijiet konkreti, tiġi realment eżerċitata.*

*Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq din l-evalwazzjoni skont iċ-ċirkustanzi proprji kollha tal-każ, inklużi l-klawżoli kollha li jinsabu fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' konsum li l-klawżola inkwistjoni tagħmel parti minnhom.*

([1]) ĠU C 211, 16.07.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-21 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bíróság — l-Ungerija) — Szabolcs-Szatmár-Bereg Megyei Rendőrkapitányság Záhony Határrendészeti Kirendeltsége vs Oskar Shomodi**

**(Kawża C-254/11)** ([1])

***(Żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja — Traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri — Regolament (KE) Nru 1931/2006 — Regolament (KE) Nru 562/2006 — Tul massimu tas-soġġorn — Regoli dwar il-kalkolu)***

(2013/C 156/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Szabolcs-Szatmár-Bereg Megyei Rendőrkapitányság Záhony Határrendészeti Kirendeltsége

*Konvenut:* Oskar Shomodi

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Magyar Köztársaság Legfelsőbb Bírósága — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2(a), 3(3) u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi r regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal Istati Membri u li jemenda d-dispożizjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen (ĠU L 405, p. 1), kif ukoll tad-dispożizzjonijiet l-oħra rilevanti tal-acquis Schengen — Ċaħda tal-applikazzjoni għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz fil-kuntest tar-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera, immotivata mill-fatt li t-tul akkumulat tas-soġġorni individwali mwettqa mill-persuna kkonċernata fl-Istat Membru inkwistjoni fis-sitt xhur preċedenti għall-applikazzjoni għad-dħul inkwistjoni eċċeda t-tul massimu awtorizzat — Regoli għall-kalkolu tat-tul massimu ta' soġġorn taħt ir-regoli dwar it traffiku lokali tal-fruntiera

**Dispożittiv**

(1) *Ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna li jkollha permess għall-qsim lokali tal-fruntiera mogħti fil-kuntest tas-sistema speċifika tat-traffiku lokali tal-fruntiera implementata permezz ta' dan ir-regolament għandha tkun tista', fil-limiti previsti mir-regolament imsemmi u mill-ftehim bilaterali konkluż għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu bejn il-pajjiż terz li tiegħu din il-persuna tkun ċittadina u l-Istat Membru ġar, minn naħa, tiċċaqlaq liberament fiż-żona tal-fruntiera matul tliet xhur jekk is-soġġorn tagħha hemmhekk ma jkunx interrott u, min-naħa l-oħra, tibbenefika minn dritt ġdid ta' soġġorn għal tliet xhur wara kull interruzzjoni tas-soġġorn tagħha.*

(2) *L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1931/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-interruzzjoni tas-soġġorn imsemmija f'dan l-artikolu testendi għall-passaġġ, irrispettivament mill-frekwenza tiegħu u anki jekk isir iktar minn darba kuljum, mill-fruntiera bejn l-Istat Membru tal-fruntiera u l-pajjiż terz fejn tirrisjedi l-persuna li jkollha l-permess għall-qsim lokali tal-fruntiera, inkonformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' dan il-permess.*

([1]) ĠU C 232, 06.08.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' April 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court — l-Irlanda) — Peter Sweetman et vs An Bord Pleanala**

**(Kawża C-258/11)** ([1])

***(Ambjent — Direttiva 92/43/KEE — Artikolu 6 — Konservazzjoni tal-habitats naturali — Żoni speċjali ta' konservazzjoni — Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett — Kriterji li għandhom jiġu applikati fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà li tali pjan jew proġett jaffettwa ħażin l-integrità tas-sit ikkonċernat — Sit ta' Lough Corrib — Proġett ta' triq N6 madwar il-belt ta' Galway)***

(2013/C 156/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Peter Sweetman, Ireland, Attorney General, Minister for the Environment, Heritage and Local Government

*Konvenut:* An Bord Pleanala

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supreme Court, Ireland — Interpretazzjoni tal-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102) — Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett — Kriterji li għandhom jiġu applikati fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà li tali pjan jew proġett jaffettwa ħażin l-integrità tas-sit ikkonċernat — Konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni — Kostruzzjoni ta' triq li r-rotta tagħha tgħaddi minn żona proposta bħala żona speċjali ta' konservazzjoni

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, għandu jiġi interpretat fis-sens li pjan jew proġett li ma huwiex marbut direttament jew li ma huwiex neċessarju għall-ġestjoni tas-sit għandu jaffettwa ħażin l-integrità ta' dan is-sit jekk x'aktarx jipprekludi ż-żamma fit-tul tal-karatteristiċi kostituttivi tas-sit ikkonċernat, marbuta mal-preżenza ta' habitat naturali ta' prijorità li l-għan ta' konservazzjoni tiegħu ġġustifika t-tniżżil ta' dan is-sit fil-lista tas-siti ta' importanza għall-Komunità, fis-sens ta' din id-direttiva. Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni.*

---

([1]) ĠU C 226, 30.07.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tal-11 ta' April 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court of the United Kingdom — ir-Renju Unit) — The Queen, fuq talba ta' David Edwards, Lilian Pallikaropoulos vs Environment Agency, First Secretary of State, Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs**

**(Kawża C-260/11)** ([1])

***(Ambjent — Konvenzjoni ta' Århus — Direttiva 85/337/KEE — Direttiva 2003/35/KE — Artikolu 10a — Direttiva 96/61/KE — Artikolu 15a — Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali — Kunċett ta' "spiża mhux projbittiva" tal-proċeduri ġudizzjarji)***

(2013/C 156/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court of the United Kingdom

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* David Edwards, Lilian Pallikaropoulos, Regina

*Konvenuti:* Environment Agency, First Secretary of State, Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supreme Court of the United Kingdom — Interpretazzjoni tal-Artikolu 10a tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 15a tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 80), kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE — Interpretazzjoni tal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' (Århus) dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku għall-proċess deċiżjonali u l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam tal-ambjent, konkluż f'isem il-Komunità Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17) — Kundanna tal-parti li titlef għall-ispejjeż tal-istanza — Kunċett ta' "spiża mhux projbittiva" ta' proċedura ġudizzjarja

**Dispożittiv**

*Ir-rekwiżit li l-proċedura ġudizzjarja ma tistax tinvolvi spiża projbittiva, previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent u fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 15a tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, tal-24 ta' Settembru 1996, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis, kif emendati bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, jimplika li l-persuni hemm previsti ma jkunux preklużi milli jressqu jew ikomplu b'azzjoni ġudizzjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli minħabba l-ispiża finanzjarja li tista' tirriżulta minnha. Meta qorti nazzjonali tintalab tippronunzja ruħha fuq il-kundanna għall-ispejjeż ta' parti li tkun tilfet il-kawża, bħala rikorrenti jew appellanti, f'tilwima ambjentali jew, b'mod iktar ġenerali, meta hija tkun meħtieġa, bħalma jistgħu jkunu meħtieġa l-qrati tar-Renju Unit, tieħu pożizzjoni, fi stadju bikri tal-proċedura, fuq eventwali limitazzjoni tal-ispejjeż li jistgħu jiġu attribwiti lill-parti li titlef il-kawża, hija għandha tiżgura ruħha mill-osservanza ta' dan ir-rekwiżit billi tieħu inkunsiderazzjoni kemm l-interess tal-persuna li tixtieq tiddefendi d-drittijiet tagħha kif ukoll l-interess ġenerali marbut mal-ħarsien tal-ambjent.*

*Fl-ambitu ta' din l-evalwazzjoni, il-qorti nazzjonali ma tistax tibbaża ruħha biss fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-parti kkonċernata, iżda għandha wkoll tagħmel analiżi oġġettiva tal-ammont tal-ispejjeż.*